# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 23 ta' Settembru 2002**

**Avviz. numru 422/02**

**Numru 25**

**Saviour Spiteri**

**vs**

**Baskal Giordamaina**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' tlett elef erba' mija u tnejn u tletin liri Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm3,432.76) li minnha s-somma ta' elf erba' mija u tnejn u sebghin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm1472.76) jirrapresentaw arretrati ta' salarju dovuti mill-konvenut lill-attur u s-somma ta' elf disa' mija u sittin lira Maltin (Lm1960.00) tirrapresenta self brevi manu mill-attur lill-konvenut.

Bl-ispejjez, bl-imghax skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv u l-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fil-11 ta' Settembru 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur s-somma ta' Lm3,432.76,0 bl-imghax legali mill-20 ta' Gunju 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Anthony Zammit
Deputat Registratur